# EBDA SAN MITRI

## J. W. PSAILA



SA ELIZABETH DIMECH GHIRXI
SKOLA ST JOSEPH, TAS-SLIEMA

Dik Żgugina mara Għawdxija,
Kienet toqgħod l-Għarb ′il ġew
U fid-dinja kulma kellha
Għorfa u mandra sewwasew.





Darba waħda ġew bħall-Mislem,
Is-sibbien tal-artijiet,
Xtraw il-għorfa, xtraw il-mandra
Bil-quddiem, waranijiet.







U bnew torri għoli u kwadru,
Bl-aluminju jilma, jilma,
Biex titgawda l-panorama
Mill-Ġurdan sa fuq Għar Ilma.





U l-werrieta ta' Żgugina
Jibku, jibku, lejl u nhar
Għax ix-xagħri ta' tfulithom
Ħabta u sabta għab u mar.






U li kieku kellu jiġi
Il-qaddis li qala' l-wegħda
Għalxejn jifli fl-Għarb 'il ġewwa
Market difru fejn hi qiegħda.







Għalxejn jiġi San Dimitri
Fuq xi debba għar-riħ għajjura,
Għaliex l-ebda qaddis qawwi
Mhu se jġib lix-xagħri lura.

